# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 26**

**Citazzjoni Numru 149/11 JZM**

**Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2014**
**stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawza,**
**il-gudizzju f'ismu gie trasfuz ghal fuq isem uliedu**
**Sara Blasina u Mirta Blasina**

**v.**

**Xini Holdings Limited (C38234) kif ukoll**
**Louisa Pedroni sive Pedroni Blasina**
**ghal kull interess li jista' jkollha u**
**b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016**
**l-Avukat Dr. Noel Cutjar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia**
**gew nominati bhala kuraturi in rapprezentanza**
**tas-socjeta` Xini Hodings Limited**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 12 ta' Marzu 2012 [is-sentenza appellata], li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi laqghet l-eccezzjonijiet tal-

konvenuti u cahdet it-talba attrici sabiex tordna l-likwidazzjoni tas-socjeta` intimata Xini Holdings Limited a tenur tal-Artikoli 214(2)(a)(i) u 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 u taghti dawk id-direttivi li jidhrulha xierqa inkluz li tidderiegi jekk il-likwidazzjoni ghandhiex issir volontarjament jew taht l-awtorita` tal-Qorti, u jekk ghandux jinhatar likwidatur. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Mertu

2. L-attur jikkontendi illi s-socjeta` konvenuta kienet giet ifformata sabiex isir l-akkwist tal-fond 28, Triq il-Gifen, Marsaxlokk, li kien intiz u fil-fatt serva ta' dar matrimonjali tieghu u tal-konvenuta Luisa Pedroni. Qabel ma zzewweg lill-konvenuta, l-attur kien divorzjat u kellu pendenzi ta' manteniment u kien ghalhekk li giet formata l-kumpanija sabiex takkwista u tamministra d-dar matrimonjali taghhom. L-attur jikkontendi illi in kwantu l-konvenuta telqet mid-dar, il-fond in kwistjoni ma ghadux iservi ta' dar matrimonjali u kwindi ma hemmx aktar skop li s-socjeta` konvenuta tibqa' tezisti.

3. Il-konvenuti jikkontendu li ma hemm ebda raguni li fuqha l-Qorti ghandha tordna x-xoljiment tal-kumpanija, u filwaqt li l-Artikolu 214(2)(a)(i) ma japplikax ghall-fatti tal-kaz odjern stante li l-kumpanija ma kienet involuta f'ebda negozju, ma giet ippruvata ebda raguni gravi

bizzejjed li tista' tinkwadra ruhha fl-Artikolu 214(2)(b)(iii). Ghalhekk it-talba attrici ma hijiex fondata.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-12 ta' Marzu 2012, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**II. Sintesi tal-Provi**

"**In linea generali, din il-Qorti tghid illi din tal-lum hija azzjoni proposta mir-rikorrent bhala azzjonista tal-kumpannija intimata b`talbiet li huma msejsa fuq disposizzjonijiet partikolari tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kompitu ta' din il-Qorti mhuwiex li tesprimi ruhha dwar id-disgwid li jidher li wassal ghall-inkwiet konjugali bejn ir-rikorrent u martu l-intimata Luisa Pedroni. Dak huwa kompitu ardwu u insidjuz, li jrid jaghmel haddiehor. Kwindi din il-Qorti sejra tqis bhala rrilevanti, specifikament ghall-fini ta' din l-istanza tar-rikorrent, kull kwistjoni ta' natura matrimonjali li wasslet sabiex ir-rikorrent u l-intimata Luisa Pedroni jisseparaw *de facto* – firda li mhix kontestata. Ghall-fini tal-accertament tat-talba attrici, din il-Qorti sejra taghti konsiderazzjoni biss lil dawk il-provi li jolqtu s-socjeta` intimata, anke jekk b`mod wiesgha.**

"Skond id-Dok LP1 esebit mar-risposta tal-intimati, jirrizulta illi l-azzjonisti tal-kumpannija intimata huma l-konjugi Pietro u Luisa Blasina li jippossjedu kull wiehed mitejn u hamsin (250) sehem, *fully paid up.* Kull sehem ghandu valur ta' €2.329. Id-direttur tal-kumpannija hija N. Trust Limited. Ir-rapprezentanza guridika hija tal-Av. Dr. Antoine Naudi.

"Ir-rikorrent xehed illi l-kumpannija intimata kienet giet iffurmata sabiex isir l-akkwist tal-fond 28, Triq il-Gifen, Marsaxlokk, li kien intiz u fil-fatt kien id-dar taz-zwieg tieghu mal-intimata. Qabel ma zzewweg lill-intimata, ir-rikorrent kien divorzjat. U kellu pendenzi ta' manteniment mal-ewwel mara. Kien ghalhekk li d-dar ma gietx akkwistata minnu u mill-intimata izda saret il-kumpannija intimata sabiex takkwista d-dar.

"Ir-rikorrent kompla jghid illi billi l-intimata telqet mid-dar, ma kienx hemm aktar skop illi l-kumpannija intimata tibqa` tezisti. Ir-rikorrent qal hekk - *la casa l'ho comprata con i miei soldi e la societa` non ha piu` senso, non siamo piu` insieme e quindi io vorrei che sia sciolta la*

*societa` e che la casa rimanga a me visto che l'ho pagata io.* Bhala fatt, ir-rikorrent baqa` jabita fid-dar taz-zwieg, filwaqt illi l-intimata marret tghix go fond iehor Birkirkara. L-intimata telqet mid-dar fl-2008. Apparti l-akkwist tad-dar, il-kumpannija intimata sa mill-bidu taghha qatt ma kienet intiza sabiex taghmel kummerc u fil-fatt qatt ma ghamlet atti ta' kummerc. Ir-rikorrent qal hekk – *una societa` che era stata fatta, esisteva a quello scopo* (u cioe` biex tintara d-dar) *e basta.* Isostni li ghalkemm il-flus kienu kollha tieghu, l-ishma tal-kumpannija intimata li akkwistat id-dar inqasmu ndaqs bejnu u bejn martu l-intimata. Huwa jrid li d-dar tinbiegh sabiex jixtri terran zghir. Mir-rikavat tal-bejgh, ma jrid jaghti xejn lill-intimata *perche` la casa l`ho comprata io e l`ho pagata io.*

"Ir-rikorrent ikkonferma li l-Av. Antoine Naudi kien amministratur tal-kumpannija intimata u li kien jaghmel kuntatt mieghu ta' spiss sabiex ihallas il-kontijiet.relatati mad-dar ladarba huwa biss kien qieghed jaghmel uzu minnha. Dwar l-istima tal-valur tal-dar, ir-rikorrent sostna illi l-intimata stmat il-valur taghha fl-ammont ta' €500,000 mentri l-istima li hu kellu kienet ta' madwar €330,000.

"L-Av. Dr. Antoine Naudi kkonferma bil-gurament kull fejn fir-risposta tal-intimati hemm riferenza ghall-kumpannija intimata u ghall-amministrazzjoni taghha. Dwar ir-raguni ghala saret il-kumpannija, Dr. Naudi xehed hekk – *Xini Holdings kienet saret ghal zewg ragunijiet, wahda ghaliex kien hemm il-hsieb illi Luisa Pedroni u Petro Blasina jixtru proprjeta` u t-tieni raguni kienet ukoll illi riedu jixtru dik il-projeta` b`mod illi t-tfal ta' Pietro Blasina b`mod partikolari ma jkunu qatt isiru jafu kemm jista' jkun illi effettivament missierhom kellu xi sehem fi proprjeta` mmobbli jew mobbli f`Malta.* Kien ghalhekk illi dahlet il-kumpannija il-fiducjarja.

"Dwar il-kumpannija intimata *per se*, Dr. Naudi xehed illi dik kienet intiza sabiex tkun *a holding company* tant li lanqas ghall-VAT ma kienet registrata. Ighid illi *din il-kumpannija from day one qatt ma kien hemm negozju fiha, qatt ma seta' kellha negozju.* Saret biss biex tinxtara d-dar taz-zwieg tal-konjugi Blasina mhux biex taghmel negozju. Il-kumpannija kienet kostitwita fis-17 ta' Marzu 2006 u l-ahhar *annual return* dahlet fis-27 ta' April 2011. Illum il-konjugi Blasina qeghdin jidhru bhala azzjonisti f`isimhom u allura mhux taht il-kopertura ta' kumpannija fiducjarja wara li wlied ir-rikorrent saru jafu bil-hsieb bid-dar.

"Dr. Naudi xehed dwar l-inkwiet taz-zwieg bejn il-konjugi Blasina. Kien mistoqsi mill-Qorti jekk il-kumpannija llum tistax tiffunzjona. Ix-xhud wiegeb hekk –

> *"... il-kumpannija qed tiffunzjona regolarment bhal ma kienet qed tiffunzjona on day one bid-diffikulta` li kien hemm hiccup zghira minhabba l-fatt li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont dan l-ahhar sena u allura jien qed nitlob bhala direttur ... tuni l-flus biex jien inkun*

*nista' d-doveri minimi naghmilhom ... u qeghdin isiru.*

"Dr. Naudi kkonferma li ghalkemm hemm problemi matrimonjali bejn l-azzjonisti tal-kumpannija ntimata, dak mhux qed jintralcja l-operat tal-kumpannija. L-unika haga hi li jkollu jishaq warajhom sabiex ihallsu l-pendenzi tas-socjeta`. Dejjem kienet l-intiza li dawn jithallsu mill-azzjonisti mhux min-negozju tal-kumpannija. L-operat tal-kumpannija kien dejjem intiz li jkun tramite *a shareholders` loan.*

"L-intimata Luisa Pedroni Blasina xehdet illi l-kumpannija intimata saret ghaliex ir-rikorrent ried jahbi minn uliedu tal-ewwel zwieg illi huma t-tnejn kienu sejrin jixtru d-dar ta' Marsaxlokk. U kien ghalhekk li fil-bidu dahlet socjeta` fiducjarja. Uliedu *continuavano a pretendere soldi e lui non era piu` disposto a darle.* Il-flus biex saret il-kumpannija intimata *venivano dalla vendita della societa` che abbiamo fatto qui a Malta dalla Blascam, societa` che abbiamo fatto mio marito ed io qui a Malta.* Ghalkemm il-Blascam kienet kumpannija li r-rikorrent kellu ma` terzi, wara li r-rikorrent kiseb il-kontroll taghha, din ibieghet u billi hi kellha tiehu l-flus ghal xoghol li ghamlet ghall-kumpannija, hi u zewgha kienu qablu illi bhala kumpens tiehu hamsin fil-mija tal-kumpannija intimata biex imbaghad takkwista nofs id-dar. L-intimata kkonfermat li l-kumpannija ma saritx sabiex isir kummerc izda biss sabiex tigi akkwistata d-dar. Hija ma baqghetx toqghod fid-dar in kwistjoni minhabba inkwiet ma` zewgha sa minn Ottubru 2008. Xehdet illi kienet disposta tbiegh id-dar ghal prezz ta' €380,000. Il-valur reali tad-dar kien aktar oghli pero` hija kellha tqis ukoll li z-zmien ma kienx tajjeb biex isir bejgh skond il-valur reali tad-dar. Mir-rikavat tal-bejgh hija kellha dritt ghan-nofs u kienet qeghda tippretendi li tircievi dak in-nofs.

"**Ikkunsidrat –**

"**III. <u>Risultanzi</u>**

"In sostenn tal-istanza tieghu, ir-rikorrent iccita l-Art.214(2)(a)(i) u l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.

"L-onus tal-prova kien jispetta lir-rikorrent – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Il-grad tal-prova rikjest huwa dak li bizzejjed inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk r-rikorrent issoddisfax l-oneru tal-prova tal-fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella ghandhiex din il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (**"<u>Theuma vs</u> <u>Mercieca</u>"** – Qorti tal-Appell 1996 u **"<u>Fenech Clarke et vs Borg et</u>"** – Qorti tal-Appell – 3 ta' Mejju 1997).

"**A. <u>L-Art.214(2)(a)(i) tal-Kap.386</u>**

"Skond din id-disposizzjoni, kumpannija tista' xxolji u tkun stralcjata

jekk in-negozju taghha jkun sospiz ghal perijodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar.

"Fis-sustanza, l-argument tar-rikorrent huwa li l-kumpannija intimata operat bhala *holding company* sabiex tipprovdi *a fringe benefit to its shareholders* (kliem id-difenur tar-rikorrent fis-sottomissjonijiet finali tieghu). Il-*fringe benefit* kienet id-dar taz-zwieg. Ladarba l-*fringe benefit* ma tistax tkun gawduta miz-zewg azzjonisti ghax wahda minnhom m`ghadhiex tirrisjedi hemm, il-kumpannija ma tistax taqdi aktar dik il-funzjoni.

"L-istanza tar-rikorrent abbazi ta' l-Art.214(2)(a)(ii) ma ssibx sostenn fl-assjem tal-provi.

"Jekk wiehed jillimita ruhu ghall-argument tar-rikorrent fuq riferit, ir-rikorrent ghadu qieghed igawdi mill-allegat *fringe benefit* propju ghax ghadu qieghed jghix fid-dar in kwistjoni. Mela jekk b`*negozju* r-rikorrent qieghed jifhem *fringe benefit* kostitwit mir-residenza fid-dar allura ma hemmx dubju li dak in-*negozju* qatt ma kien sospiz ghaliex huwa baqa` jghix fid-dar. Bil-pussess ta' nofs l-ishma tal-kumpannija, l-intimata ghandha nofs il-proprjeta` tad-dar – altru milli *fringe benefit*. Propju xejn ma jzommha milli meta trid terga` lura sabiex tghix fid-dar.

"Dan premess, din il-Qorti tkompli tghid hekk.

"Irrizulta x`kien l-iskop ghalfejn kienet kostitwita s-socjeta`. Certament ma kienx li tezercita n-*negozju* kif intiz fid-disposizzjoni koncernata. Allura ma jistax ir-rikorrent jippretendi li jista' jirnexxi fl-istanza tieghu billi jghid illi n-*negozju* tal-kumpannija kien sospiz bla waqfien ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar meta l-kumpannija, mill-kostituzzjoni taghha <u>qatt</u> ma kienet intiza sabiex topera bhala kumpannija kummercjali u cioe` li taghmel negozju u lanqas qatt anke sal-lum baqghet ma ghamilx negozju. Li kienet a *holding company* ghandu rilevanza marginali ghaliex il-Kap.386 ma jaghmilx dik id-distinzjoni. L-aqwa prova li ma kenitx intiza ghan-negozju huwa l-fatt illi sa minn bidu nett il-kumpannija ma kenitx registrata ghall-finijiet ta' VAT. U hekk ghadha anke llum.

"<u>**Ghalhekk it-talba tar-rikorrent skond l-Art.214(2)(a)(i) tal-Kap.386 qeghda tkun respinta.**</u>

"**B.** <u>**L-Art.214(2)(iii) tal-Kap.386**</u>

"Skond din id-disposizzjoni, kumpannija ghandha tkun xjolta mill-Qorti jekk *tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.*

"Il-ligi ma taghtix tifsira ta' x`jikkostitwixxu *ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.* Dan ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesgha tal-gudikant sabiex jizen il-

fatti u cirkostanzi ta' kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement. Fi kwalunkwe kaz, ir-*ragunijiet* ghalkemm mhux definiti jridu jkunu *gravi bizzejjed li jiggustifikaw* xoljiment u stralc.

"Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti sabet illi huwa minnu li hemm problemi matrimonjali ta' certa serjeta` bejn il-konjugi Blasina li wasslu lill-intimata sabiex (tajjeb jew hazing) thalli d-dar taz-zwieg. Fl-istess waqt ma jirrizultax li dak l-inkwiet bejn l-azzjonisti kellu effett dirett u rrimedjabbli fuq il-kumpannija. *Del resto*, filwaqt li kien accertat li l-kumpannija qatt ma ghamlet negozju, l-amministrazzjoni taghha anke vis-à-vis l-awtoritajiet regolatorji baqghet fil-posittiv, u allura l-inkwiet taz-zwieg bejn l-azzjonisti baqa' ma kellux effett negattiv fuq id-dar l-unika *asset* li kellha u li ghandha l-kumpannija. Tant dan huwa hekk illi mill-provi rrizulta li l-azzjonisti qablu prattikament dwar kemm ghandhom jitolbu bhala prezz tad-dar. Id-divergenzi jirrigwardaw biss il-qsim tar-rikavat tal-bejgh minhabba pretensjonijiet ta' natura matrimonjali li mhumiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

## L-Appell

5. L-aggravji tar-rikorrenti jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi dak li taghmel socjeta`, anke jekk tigi formata esklussivament sabiex tamministra proprjeta`, huwa n-negozju taghha, u jekk l-iskop ta' socjeta` huwa li tamministra dar sabiex isservi ta' dar matrimonjali ghas-sidien beneficjarji taghha, u z-zwieg jitfarrak u s-sidien ma jibqghux jghixu flimkien, allura s-socjeta` ma tibqax isservi l-iskop li ghalih giet ikkostitwita u n-negozju taghha ghandu jitqies sospiz jew itterminat; [2] illi ma huwiex minnu li ma jissussistux ragunijiet serji u gravi bizzejjed sabiex is-socjeta` konvenuta tigi stralcjata.

6. Ghalhekk l-atturi jitolbu lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati jew min minnhom.

7. L-Avukat Dr Noel Cutajar u l-PL Nadine Farrugia li b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 gew nominati bhala kuraturi in rapprezentanza tas-socjeta` Xini Holdings Limited, iwiegbu ghar-rikors tal-appell permezz ta' risposta datata 6 ta' Gunju 2016, fejn, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell odjern bl-ispejjez kontra l-attur.

L-Aggravji

*L-Ewwel aggravju*

8. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkontendu li l-kelma negozju ma ghandhiex tinftiehem fis-sens limitat ta' kummerc, imma fis-sens aktar wiesa ta' kull negozju guridiku li ghalih is-socjeta` tkun twaqqfet. Jghidu li in kwantu l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina telqet u stabbiliet residenza ohra, l-iskop li ghalih giet istitwita l-kumpanija ma ghadux jezisti.

9. Il-kuraturi deputati in rapprezentanza tas-socjeta` Xini Holdings Limited jilqghu ghal dan l-aggravju billi jissottomettu illi l-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386 jaghmel referenza ghall-kwistjoni ta' negozju u mhux biex tamministra d-dar. Ghalhekk, ghalkemm iz-zwieg ta' bejn l-azzjonisti spicca, l-kumpanija xorta tista' tkompli tiggestixxi d-dar.

*It-Tieni aggravju*

10. Permezz ta’ dan l-aggravju, l-appellanti jikkontendu illi ghal kuntrarju ta’ dak deciz mill-ewwel Qorti, jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed sabiex il-Qorti tordna l-istralc tal-kumpanija. Gie ippruvat (i) illi spicca l-iskop li ghaliha kienet giet kostitwita s-socjeta`; (ii) illi l-attur ftaqar u qieghed jghix bil-pensjoni tieghu u ma jiflahx izomm id-dar u jhallas ghall-amministrazzjoni taghha; (iii) illi jezisti *stalemate* bejn iz-zewg sidien beneficcjarji tas-socjeta` b’mod illi s-socjeta` ma tistax tiffunzjona, u (iv) illi filwaqt illi z-zewg sidien beneficjarji jridu jbieghu u jiddisponu mill-uniku assi tas-socjeta`, mhumiex qed isibu qbil biex jaghmlu dan – u dawn huma ragunijiet gravi bizzejjed sabiex jiggustifikaw l-istralc.

11. Jghidu li abbazi tal-principju li min qieghed f’komproprjeta` ghandu d-dritt li jitlob il-likwidazzjoni tal-proprjeta` komuni, u ladarba l-azzjonisti jridu jbieghu izda mhux qed jaqblu kif dan ghandu jsir, dan ghandu jsir mill-Qorti. Jghidu li l-bejgh tad-dar hija haga li zgur ma tistax issir mill-Qorti tal-Familja li ma tistax timplimenta divizjoni tal-assi tal-partijiet qabel ma s-socjeta` konvenuta tigi likwidata.

12. Il-kuraturi deputati in rapprezentanza tas-socjeta` Xini Holdings Limited iwiegbu ghal dan l-aggravju billi jghidu li l-inkwiet bejn il-konjugi

ma kellux effett irrimedjabbli fuq il-kumpanija li baqghet distinta u awtonoma u fil-pozittiv mal-awtoritajiet. Ghalhekk l-inkwiet bejn il-partijiet ma ghandux jigi meqjus bhala gravi bizzejjed sabiex jiggustifika x-xoljiment u l-istralc ta' din il-kumpanija. Lanqas ma huwa fil-kompetenza tal-Qorti kif ghandu jsir il-qsim tar-rikavat minhabba pretensjonijiet ta' natura matrimonjali li ma jammontawx ghal raguni gravi.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-Ewwel Aggravju*

13. Permezz tal-ewwel aggravju l-attur jikkontendi illi n-negozju tal-kumpanija sa mit-twaqqif taghha kien, illi takkwista fond li kellu jservi tad-dar matrimonjali tal-konjugi Blasina u tamministra l-istess dar. Jghid ghalhekk illi in kwantu l-fond ma ghadux iservi ta' dar matrimonjali, in-negozju taghha ghandu jitqies sospiz ghal aktar minn 24 xahar minghajr waqfien, u jsib applikazzjoni l-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

> "'(2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) -
> (a) kumpannija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin -
> (i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar.'"

14. L-ewwel Qorti ikkonsidrat illi in kwantu l-iskop tal-kumpanija konvenuta qatt ma kien sabiex topera bhala kumpanija kummercjali, jigifieri li taghmel negozju, allura l-operat taghha qatt ma jista' jiffigura taht is-subartikolu fuq citat u, ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghal stralc abbazi tas-sospensjoni tan-negozju ghal erbgha u ghoxrin xahar minghajr waqfien, ma tistax tintlaqa'.

15. Mill-atti processwali, jirrizulta lil din il-Qorti li tassew illi l-iskop tal-kumpanija konvenuta qatt ma kien dak li tinnegozja. Fir-rikors guramentat tieghu stess, l-attur ippremetta illi l-kumpanija in kwistjoni twaqqfet esklussivament bhala *holding company*. Ix-xhieda tal-partijiet[1] u ta' Dr Antoine Naudi[2] li kien amministratur tal-kumpanija, kollha jikkonfermaw li l-uniku skop taghha kien illi jigi akkwistat u amministrat il-fond li serva ta' dar matrimonjali ghalihom. Maghdud ma' dan hemm ukoll il-fatt prattiku illi l-kumpanija qatt ma giet registrata ghall-finijiet ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud, proprju ghaliex qatt ma kien hemm l-intenzjoni li tezercita l-kummerc.

16. Ferm il-premess, din il-Qorti tirrileva wkoll illi l-Artikolu 214(2)(a)(i) jhalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax l-istralc, b'dan illi jekk tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-imsemmi artikolu, il-Qorti

---

[1]Vide xhieda ta' **Pietro Blasina** tas-27 ta' Ottubru 2011 partikolarment a fol 38 meta mistoqsi mill-Qorti *"Ora, avete comprato la casa per viverci o per scopi di negozio?..."* Ix-xhud wiegeb *"Viverci."* Kif ukoll xhieda tal-intimata **Luisa Pedroni Blasina** tas-27 ta' Ottubru 2011, partikolarment a fol 74-75.

[2]Vide xhieda ta' **Dr Antoine Naudi** tas-27 ta' Ottubru 2011 a fol 102 et seq

ghandha l-fakulta` li tordna jew ma tordnax l-istralc u din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tarax li hemm raguni gravi li fuqha ghandha tiddisturba fir-rigward id-diskrezzjoni ta' din il-Qorti.

17. Din il-Qorti ma tirriskontra ebda raguni gravi u serja li fuqha ghandha tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti in rigward, u qeghdha ghalhekk tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

19. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jikkontendu illi ghal kuntrarju ta' dak deciz mill-ewwel Qorti, jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed sabiex il-Qorti tordna l-istralc tal-kumpanija, u dan abbazi tal-Artikolu 214 (2)(b)(iii).

20. Kif tajjeb irrimarkat l-ewwel Qorti, il-ligi ma tfissirx x'jikkostitwixxu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija, izda thalli fid-diskrezzjoni tal-gudikant sabiex abbazi tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li jkollu quddiemu, jiddetermina jekk ikunx hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jimmeritaw tali rimedju tant drastiku. Fir-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti

jissottomettu, b'referenza ghall-ktieb tal-Profs. Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (2007), li l-gurisprudenza Ingliza dwar il-kuncett ta' "just and equitable" tista' sservi ta' linja gwida ghall-qrati taghna dwar x'jista' jikkostitwixxi 'ragunijiet gravi' ghal skopijiet ta' xoljiment u stralc.

21. Din il-Qorti tibda billi tinnota illi huwa minnu illi s-socjeta\` konvenuta, in kwantu komposta minn zewg konjugi, tinkwadra ruhha fil-parametri tal-hekk imsejjha *'quasi-partnership* company' fis-sistema Ingliza, u li ghalhekk:

> "It is easier to secure a winding up order on the just and equitable ground where you are dealing with a quasi-partnership company. Once you have a breakdown in personal relationships within the 'partnership' the courts are prepared to take a broad view of the internal relationships and, if appropriate, ignore strict corporate law principles."[3]

22. Dan wahdu pero\` ma huwiex bizzejjed u jridu fi kwalunkwe kaz jigu ipprovati r-ragunijiet gravi li fuqhom il-Qorti ghandha tordna l-istralc tal-kumpanija, zghira kemm hi zghira. Fis-sistema guridika Ingliza, dawn ir-ragunijiet spiss, ghalkemm mhux esklussivament, jigu raggruppati taht is-segwenti intestaturi: *"1. Expulsion from office; 2. Justifiable loss of confidence; 3. Deadlock; 4. Failure of substratum.*

"Of course, the court is not limited to these or any other headings. The

---

[3]Jim F. Corkery, **Directors' Power and Duties,** Chapter 13, *The Shareholders' Remedy of Winding Up the Company* Pg 267
http://epublications.bond.edu.au/cgi/viewcontent.cgi?filename=14&article=1001&context=law_books&type=additional
[accessed 27/10/2016]

court's discretion is wide. It may order the winding up of the company 'if in the public interest it should be wound up'.[4] But these listed headings conveniently embrace practically all the 'just and equitable' cases."[5]

23. L-appellanti jikkontendu illi f'materja ta' proprjeta` komuni, il-principju kardinali huwa li meta komproprjetarju ma jkunx irid jibqa' fi stat ta' komproprjeta`, huwa ghandu d-dritt illi jitlob il-likwidazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni. Dan huwa minnu, izda tali principju ma jghoddx ghall-kaz odjern in kwantu l-kumpanija ghandha personalita` guridika distinta u separata mill-azzjonisti taghha u ghalhekk il-principji tal-komproprjeta` ma japplikawx ghall-assi mizmuma minnha.

24. Jinghad ukoll illi l-fatt li attur Pietro Blasina ftaqar u xtaq jixtri terran zghir minflok il-fond in kwistjoni mhux biss ma jinkwadrax ruhu fil-mertu tal-kwistjoni odjerna, izda fi kwalunkwe kaz fil-mument li gie nieqes, dan il-fatt gie sorvolat.

25. Jifdal ghalhekk illi din il-Qorti tiddeciedi humiex minnhom l-argumenti tal-appellanti illi spicca l-iskop li ghaliha giet kostitwita s-socjeta`, u li tezisti *stalemate* bejn il-beneficcjarji tas-socjeta`, u jekk f'kaz affermattiv, dawn jikkostitwux ragunijiet serji bizzejjed sabiex jiggustifikaw l-ghoti tar-rimedju mitlub fir-rikors promotur.

---

[4]Young J in Fisher v Southern Logistics Pty Ltd (No 2) (1985) 3 ACLC 534 at 535; see also Loch v John Blackwood Ltd [1924] AC 783 at 788.

[5]Jim F. Corkery, **Directors' Power and Duties,** Chapter 13, *The Shareholders' Remedy of Winding Up the Company* Pg 267 http://epublications.bond.edu.au/cgi/viewcontent.cgi?filename=14&article=1001&context=law_books&type=additional [accessed 27/10/2016]

26. Jinghad illi:

> "One ground which is often relied on by shareholders for this purpose is that the company has lost its "substratum" or, in other words, its reason for being in existence. The seminal dicta in this area is that of Lord Cairns in In re Suburban Hotel (1867) LR 2 Ch App 737, where he held that:
>
> 'It appears to me that the principle involved in the decision of In re Suburban Hotel Company by Lord Cairns amounts to this, that if you have proof of the impossibility of carrying on the business contemplated by the company at the time of its formation, that is sufficient ground for winding up the company. Therefore the question arises in the present case, is there an impossibility of carrying out the objects of the company.'"[6] [enfasi tal-Qorti]

27. Jirrizulta pacifiku illi l-iskop li ghaliha giet imwaqqfa s-socjeta` intimata kien ix-xiri u l-amministrazzjoni tal-fond li fih ghexu flimkien il-konjugi Pietro Blasina u Luisa Pedroni Blasina. Minkejja s-separazzjoni personali taz-zewg partijiet, u issa l-mewt ta' Pietro Blasina, il-fond ghadu jezisti u l-amministrazzjoni tieghu ghadha skop ezistenti u reali. Kif xehed id-direttur taghha Dr. Naudi:

> "…. Il-kumpanija qed tiffunzjona regolarment bhal ma kienet qed tiffunzjona on day one bid-diffikulta` li kien hemm hiccup zghira

[6] Legal Alert 2016, David Harby, **Shareholder disputes in the Cayman Islands: Petitions to wind up a company on "just and equitable" grounds for loss of substratum following the recent case of In Re Harbinger Class PE Holdings (Cayman) Ltd,** Pg 1 http://www.loebsmith.com/userfiles/files/Shareholder%20disputes%20in%20the%20Cayman%20Islands%20-20Petitions%20to%20wind%20up%20a%20company%20on%20just%20and%20equitable%20grounds%20for%20loss%20of%20substratum%20following%20the%20recent%20case%20of%20In%20Re%20Harbinger%20Class%20PE%20Holdings%20(Cayman)%20Ltd.pdf.
[accessed 27/10/2016]

> minhabba l-fatt li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont dan l-ahhar sena u allura jien qed nitlob bhala diretturi … tuni l-flus biex inkun nista' d-doveri tieghi naghmilhom … u qeghdin isiru."[7]

28. Ghalhekk, din il-Qorti ma tirriskontrax l-impossibbilita` fit-twettiq tal-iskop li ghaliha giet iffurmata l-kumpanija u precizament l-amministrazzjoni tal-fond de quo.

29. Dwar l-allegata *stalemate* jew *deadlock* li jilmentaw dwarha l-appellanti, jinghad mill-Professur Jim Corkery[8]:

> "… has not been caused by the person seeking to take advantage of it."[9] "This category arises where business can no longer be carried on effectively because of irreconcilable differences between controllers. Total deadlock is not required. Extreme difficulty in working together is enough. As Lord Lindley said in the analagous context of partnership law:
>
> > "'Refusal to meet on matters of business, continued quarrelling and such a state of animosity as precludes all reasonable hope of reconciliation and friendly cooperation, have been held sufficient to justify a dissolution .... All that is necessary is to satisfy the court that it is impossible for the partners to place that confidence in each other which each has a right to expect, and that such impossibility.'"

30. Fil-kaz odjern, ma gie ippruvat xejn minn dak hawn fuq iccitat. Kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti, mill-provi irrizulta li l-azzjonisti kienu qablu illi d-dar tinbiegh u anke qablu dwar kemm ghandhom jitolbu bhala prezz. Id-divergenzi kienu jirrigwardaw biss il-qsim tar-rikavat tal-bejgh

---

[7] Sentenza pga.10

[8] Jim F. Corkery, **Directors' Power and Duties**, Chapter 13, The Shareholders' Remedy of Winding Up the Company Pg 270-271 http://epublications.bond.edu.au/cgi/viewcontent.cgi?filename=14&article=1001&context=law_books&type=additional [accessed 27/10/2016]

[9] *Partnership* (14th ed, 1979) at 625-626.

minhabba pretensjonijiet ta' natura matrimonjali li ma jaqghux fl-ambitu tal-proceduri odjerni. Ghalhekk anki f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tqisx li hemm ragunijiet serji bizzejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

31. Ghaldaqstant anke dan it-tieni aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghdha tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df